**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 011/2019**

13 ta' Jannar 2020

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Alison Zerafa Civelli – Sindku
Martin Vella – Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius, ippresjeda l-laqgha

## 11.1 Qari ta' ittri ta' apologija

11.1.1 Is-Sur Marco Agius qara korrispondenza li permezz taghha is-Sa. Alison Zerafa Civelli talbet li n-nuqqas taghha mis-Seduta jigi gustifikat ragunijiet familjari. Kien hemm qbil unanimu illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

11.1.2 Is-Sur Marco Agius qara korrispondenza li permezz taghha l-Kunsilliera Melanie Agius talbet li n-nuqqas taghha mis-Seduta jigi gustifikat minhabba impenji ta' Gvern Centrali. Kien hemm qbil unanimu illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

11.1.3 Is-Sur Marco Agius qara korrispondenza li permezz taghha l-Kunsillier Martin Vella talab illi n-nuqqas tieghu mis-Seduta jigi gustifikat minhabba cirkostanzi li kienu inqalghu fl-ahhar mumenti u li ma kellu ebda kontroll fuqhom.. Kien hemm qbil unanimu illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Agius kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

11.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 10 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

11.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

11.2.3 Is-Sur Marco Agius u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 11.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

11.3.1 Ma kienx hemm.

## 11.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.4.1 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : Qed nikteb din l-email b'referenza ghal ilment li sarli dwar Sur San Pawl sabiex tigi imbarrata ghall-karozzi gate li taghti ghal ground zghir li fil-post imsemmi. Il-persuna sahqet li f'dan il-post qed jigu mitluqa jew mormija karozzi.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Iz-Zona in-kwistjoni ma hijiex fir-responsabilita' tal-Kunsill Lokali. Minbarra dan, il-grawnd imsemmi jaghmel parti minn triq li tintuza mill-vetturi u ghaldaqstant huwa ferm difficli li jigi imbarrat

11.4.2 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : Qed nitlob li l-parkegg li hemm hdejn l-ghassa ta' Bormla mal-bankina hemm parkegg ghal muturi li ftit qieghed jintuza. Ghaldaqstant qed nitlob li dan jitnehha sabiex il-karozzi jkunu jistghu jibqghu dehlin mal-bankina Qed nehmez zewg ritratti biex nispjegalkom ahjar.
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Qieghdin f'diskussjonijiet ma' Transport Malta bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jigi moghti parir tekniku dwar sistema ta' mmaniggjar tat-traffiku u parkegg fiz-zona in-kwistjoni.

11.4.3 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : Ghandi proposta minghand persuna bie tigi organizzata St. Patrick's Day bejn ix-Xatt ta' Bormla sa hdejn il-Monument tal-Helsien. Kemm kien kif ukoll il-Kunsillier Chris Cassar mill-Birgu kellna meeting mieghu u bqajna ma din il-persuna li kemm jien kif ukoll Chris ser inkellmu lil shabna fis-seduta li jmiss. Briefing jigi spjegat matul il-laqgha
Is-Segretarju Ezekuttiv qal : Dettalji dwar l-attivita' jistghu jigu spjegati aktar tard waqt l-agenda item "Attivitajiet".

## 11.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

11.5.1 Is-Sur Agius ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru001/20) ghall-approvazzjoni.

11.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

11.5.3 Is-Sur Agius ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Dicembru 2019.

11.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**11.6 Mili ta' postijiet vakanti**

11.6.1 Il-Kunsill Lokali gie aggornat dwar is-sitwazzjoni ta' vakanza ta' ufficjal ezekuttiv fi skala 13 u l-process li kien qieghed jigi implimentat flimkien mad-Dipartiment ghall-Gvern Centrali u Jobs Pllus.

**11.7 Sejhiet ghall-offerti**

11.7.1 Is-Sur Marco Agius qal illi kien hemm il-htiega urgenti li ssir l-evalwazzjoni ta' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghaz-zamma u manutenzjoni ta' gonna u soft areas. Is-Sur Agius sahaq illi fir-rigward, wara li kien ra d-dettalji tal-offerti sottomessi, min-naha tieghu kien iddikjara kunflitt ta' interess ma' wiehed mill-offerenti u kien ser ikun qieghed jirrinunzja mir-rwol ta' evalwatur. Kien hemm

qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi r-rwol tas-Sur Agius kellu jigi mehud mis-Sur Martin Vella.

11.7.2 Is-Sur Johann Scerri sahaq illi min-naha tieghu kien qieghed isib problemi biex jaccessa s-sistema epps u tenna illi kemm il-darba kien hemm il-htiega li l-evalwazzjoni ssir b'mod urgenti, kien ikun ghaqli li huwa wkoll jirrinunzja mill-kariga ta' evalwatur. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi s-Sur Johann Scerri ma' kellux jibqa' evalwatur, liema rwol kellu jigi assenjat lis-Sa. Noyah Spiteri Hammett.

**11.8 Attivitajiet**

11.8.1 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali li kien hemm il-htiega li jigi avvjat il-process sabiex matul l-2020 hekk kif sehh fis-sentejn precedenti tittella' edizzjoni ohra tal-Cospicua Short Play Festival. Is-Sur Agius sahaq illi fir-rigward kien hemm il-htiega li jinfethu l-applikazzjonijiet ghal sottomissjonijiet ta' produzzjonijiet. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tintalab stima lill-kordinaturi tas-snin precedenti. Il-Kunsill Lokali kellu wara li jassigura illi jkunu saru l-preparamenti mehtiega, jiftah l-applikazzjonijiet ghas-sottomissjonijiet hekk kif propost.

11.8.2 Is-Sur Johann Scerri ghadda lill-Kunsill Lokali dettalji dwar l-attivita' li kien qieghed jigi propost li tittella' f'Xatt ir-Risq ghall-okkazzjoni ta' Jum San Patrizju. Wara diskussjoni libera, is-Sur Scerri gie mheggeg jaghmel kuntatt mal-individwu li kien qieghed jipproponi li jtella' l-attivita' u jheggu sabiex iressaq proposta formali lill-Kunsill Lokali bil-ghan illi tkun tista' tigi evalwata f'aktar dettall l-attivita'.

11.8.3 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsill Lokali kien ircieva diversi kummenti pozittivi rigward l-inizjativa li kienet ittiehdet ghall-armar ta' dawl dekorattiv ta' zmien il-Milied.

**11.9 Rapporti**

11.9.1 Is-Sur Marco Agius ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'donazzjoni ta' kotba li kienet inghatat mill-bank APS. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-kotba kienu ser ikunu qieghdin jinxtraw mil-librar li sussegwentement kien ser ikun qieghed jigi rimborsat.
- Kien hemm qbil illi ma kelliex tigi milqugha talba ghal rimbors li residenta kienet ressqet wara li ma kienet waqghet fergha minn sigra fuq il-vettura taghha.
- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jgedded tliet poloz ta' assikurazzjoni li l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet tiehu hsieb tikkordina f'isem il-Kunsilli Lokali.

- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jgedded polza ta' assikurazzjoni (SME Insurance Policy) ma' Island Insurance Brokers.

**11.10 Skema CIES**

11.10.1 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali illi wara li l-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi l-applikazzjoni li kienet gie sottomessa ghall-ingagg tat-tieni persuna permezz tal-iskema CIES, kien gie avvjat il-process ma Jobsplus. Il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jigi aggornat b'eventwali zviluppi dwar il-materja.

11.10.2 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg li tittiehed decizjoni dwar jekk kellux jigi mgedded il-kuntratt ta' impjegat li l-Kunsill Lokali kellu b'konnessjoni mal-iskema CIES. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega d-dettalji teknici tal-materja, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-kuntratt tal-imsemmi impjegat kellu jigi mgedded

**11.11 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv**

11.11.1 Is-Sur Marco Agius pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Segretarju Ezekuttiv. Is-Sur Agius sahaq illi wara li s-Sindku kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Hall, kienet qieghda tirrakkomanda illi huwa jinghata l-massimu ta' 10% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett sskonedata mis-Sur James Cauchi il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur Hall jinghata 10% bhala *performance bonus.*

**11.12 Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali**

11.12.1 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali wara li kien iddiskuta mas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv u fid-dawl taz-zieda li kien hemm fl-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kien qieghed jigi propost illi jsir xi xoghol fl-ufficcju amministrattiv tal-istess Kunsill Lokali. Is-Sur Agius zied jghid illi fir-rigward, kien qieghed jigi propost illi tittella' qoxra tal-franka bil-ghan illi tissolva problema ta' umidita' li kien hemm. Minbarra dan, u ghal ragunijiet ta' sigurta' kien qieghed jigi propost illi ssir hgiega protettiva bil-ghan illi jinqata' l-access ghall-ufficcju ghall-klijenti. Filwaqt li kien hemm qbil fil-principju, gie deciz illi stimi li kienu ingabru ghax-xogholijiet imsemmija jigu diskussi waqt item 11.14 tal-istess seduta.

**11.13 Small Grant Scheme for Urban Localities**

11.13.1 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif imhabbar matul l-2019 kienet inharget skema ffinanzjata minn Norway Grants bl-isem ta' Small Grants Scheme for Urban Localities, liema skema l-Kunsill Lokali ta' Bormla kien eligibbli ghaliha. Fir-rigward, l-istess Kunsill Lokali kien diga' ddiskuta abbozz ta' progett li kellu jigi sottomess. Wara li gew mghoddija mill-gdid id-dettalji tal-progett, gie

deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi billi jadotta progett li kien gie propost minn Boom Consultancy.

**11.4 Approvazzjoni ta' Xiri (Kwotazzjonijiet)**

11.4.1 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni max-xogholijiet li kienu gew diskussi aktar kmieni waqt is-seduta, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb ill jingabru numru ta' stimi. Wara li inghataw id-dettalji tal-istimi migbura,kien hemm qbil li kellu jigi ordnat is-segwenti :

- Xiri ta' erbghin xkora kolla ghall-prezz ta' tliet mija u tmintax il-ewro minghand Vince Hardware Stores
- Xiri ta' 30 folja cement boards minghand Vadala Company Ltd. ghall-prezz ta' seba' mija u disa' u tletin ewro.
- Xiri ta' 80 metru kwadru ta' qoxra tal-fil ( fil-franka) ghall-prezz ta' elf, hames mija u tnejn u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu minghand J.Vella Stone Works Ltd.
-

**11.15 Estimi Finanzjarji 2020**

11.15.1 Is-Sur Marco Agius informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif mehtieg, flimkien mal-amministrazzjoni u l-accountant, kien inhadem abbozz ta' estimi finanzjarji ghas-sena 2020, liema estimi kienu gew diskussi waqt il-laqgha annwali tal- lokalita'. Is-Sur Agius stieden lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega d-dokument abbozzat li kien gie mpoggi fuq il-mejda ghad-diskussjoni.

11.5.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsilliera prezenti l-kontenut tad-dokument imsemmi u wiegeb mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mill-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

**11.7 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

11.7.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:15p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-17 ta' Frar 2020 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 17 ta' Frar, 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |